**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**

**Gurisdizzjoni Superjuri**

**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Gunju 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 16/2015JVC**

**Carmelo Azzopardi, Alvin Azzopardi, Stephen Azzopardi, Josef Azzopardi**

**vs**

**Alfred Camilleri u Dr Angele Formosa bhala mandatarja specjali ta' Joseph Camilleri u Mary Sciberras**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi illi ppremettew:

1. Illi huma l-eredi ta' Victoria Azzopardi, mart l-attur Carmelo Azzopardi u omm l-atturi l-ohra, gia bint il-mejtin Joseph Camilleri u Rita nee' Mercieca li mietet fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006);

2. Illi l-ġenituri tal-konvenuti u ta' l-imsemmija Victoria Azzopardi u cioe' Joseph Camilleri gia iben Francis Camilleri u Paula nee' Gafa li kien imwieled ix-Xaghra Ghawdex u Rita Camilleri gia bint il-mejtin Vittorio Mercieca u Marianna nee' Tabone u li kienet ukoll mwielda Xaghra Ghawdex, mietu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) rispettivament;

3. Illi l-missier Joseph Camilleri miet intestat u ghalhekk il-wirt tieghu ghadda skont il-ligi fuq l-erba' ulied u cioe' l-konvenuti u l-imsemmija Victoria Azzopardi fi kwota ta' kwart indiviz kull wiehed u wahda minnhom;

4. Illi kif diga' intqal Victoria Azzopardi mietet intestata fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u ghalhekk il-wirt taghha ghadda fuq l-atturi skont il-ligi;

5. Illi min-naha l-ohra Rita Camilleri rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Dottor Josianne Mifsud, datati l-ewwel wiehed, fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tal-elfejn u tmienja (2008) u l-iehor tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012);

6. Illi permezz ta' dawn it-testmenti, Rita Camilleri nnominat bhala eredi universali tal-beni kollha taghha prezenti u futuri lill-konvenut Alfred Camilleri, dan wara li kienet halliet diversi legati a favur tal-konvenuti kollha pero' b'mod specjali lil Alfred Camilleri;

7. Illi b'dawn it-testmenti id-decuius Rita Camilleri ma halliet xejn lil bintha Victoria Azzopardi jew lill-eredi taghha;

8. Illi jirrizulta inoltre' illi l-imsemmija Rita Camilleri ddisponiet minn gidha kollu a favur tal-konvenut Alfred Camilleri;

9. Illi l-atturi odjerni jridu l-likwidazzjoni wirt ta' Joseph Camilleri u min-naha l-ohra jridu s-sehem riservat skont il-ligi fuq l-eredita' ta' Rita Camilleri;

10. Illi din il-kawza qed issir mill-atturi kollha u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Carmelo Azzopardi li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Rita konjugi Camilleri billi jigi ddikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Taqsam il-kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'zewg porzjonijiet ugawli li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Joseph u Rita Camilleri;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Camilleri billi jigi ddikjarat li jikkonsisti f'nofs il-kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-ohra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Rita Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-ohra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

5. Tikkonsidra dawk id-donazzjonijiet u legati kollha moghtija jew imholli mill-imsemmija Rita Camilleri sabiex fuqhom ikun jista' jinhadem is-sehem riservat;

6. Tinnomina perit arkitett sabiex jistabilixxi l-valur tal-konsistenza tal-wirt ta' Joseph u Rita konjugi Camilleri sabiex jiddetermina jekk l-assi konsistenti fil-wirt ta' Joseph Camilleri humiex kommodament divizibbli;

7. Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Joseph Camilleri f'erba' (4) porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati kwart lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti f'din il-kawza, l-atturi jkollhom sehem wiehed minn erbgha;

8. Tahtar nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni opportun f'dik id-data hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-

intervent ta' kuraturi nominanti sabiex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

9. Fin-nuqqas u f'kaz li jirrizulata li l-beni m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti tordna l-bejgh bil-licitazzjoni taghhom u bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, bir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti fil-kwoti fuq imsemmija;

10. Tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-atturi skont il-ligi fuq il-gid ta' Rita Camilleri.

11. Tordna lill-onvenut Alfred Camilleri ihallas lil atturi dak is-sehem riservat hekk likwidat;

12. Jekk opportun u necessarju tordna illi mill-bejgh b'licitazzjoni ta' assi li jappartjenu lil Rita Camilleri tithallas is-sehem riservat skont il-ligi.

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-konvenuti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Alfred Camilleri illi eccepixxa:

1. Illi fir-rigward tat-talba ghad-divizjoni tal-assi ereditarji ta' missieru Joseph Camilleri l-esponenti jqajjem l-eccezzjoni tal-*lis alibi pendens* u dan ghaliex id-divizjoni ta' dawn l-assi digà tifforma l-meritu ta' kawza ohra pendenti quddiem din l-istess Onorabbli Qorti bejn l-istess partijiet kollha f'din il-kawza odjerna, fl-ismijiet

"Dr. Angele Formosa nomine vs Alfred Camilleri et", Rikors Guramentat Nru. 84/2014 JVC u differita ghall-21 ta' Mejju 2015.

2. Illi fir-rigward tat-talba ghall-hlas tas-sehem rizervat fuq l-eredità ta' Rita Camilleri, din il-kawza saret intempetivament u lanqas ma tista' timxi 'l quddiem f'dan l-istadju gialadarba l-atturi ghadhom sallum ma rrinunzjawx ghall-eredità tal-imsemmija Rita Camilleri;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qatt ma oggezzjona li hutu (u l-aventi kawza minnhom skont il-kaz) jithallsu l-porzjoni rizervata lilhom skont il-ligi fuq il-wirt ta' ommu Rita Camilleri purke, però, l-ewwelnett jigu vverifikati il-konsistenzi tal-assi ereditarji rispettivi, jigu likwidati u jittiehdu in kunsiderazzjoni debita d-debiti tal-assi ereditarji, u jittiehdu in kunsiderazzjoni wkoll d-donazzjonijiet ta' flus li Rita Camilleri ghamlet favur uliedha kollha, partikolarment l-atturi matul hajjitha.

4. Illi f'dan ir-rigward, l-esponenti jissenjala li anki fil-kawza 84/2014 JVC huwa ghamilha cara li meta jitwettaq dan l-ezercizzju huwa jkun pront ihallas dak li eventwalment jirrizulta li huwa dovut minnu, anki lill-atturi odjerni. F'dan il-kwadru ta' cirkustanzi, din il-kawza saret inutilment u bi skop biss li zzid u tkabbar l-ispejjez gudizzjarji nvoluti ghal kull min huwa parti fiha. Infatti kien ikun sufficjenti, u dan anki fuq l-iskorta tal-ezercizzju mwettaq minn din l-Onorabbli Qorti u mill-partijiet f'cirkustanzi simili, li wara li jkunu rrinunzjaw ghall-eredità ta' Rita Camilleri, fl-atti tal-kawza

"Dr. Angele Formosa nomine vs Alfred Camilleri et", l-atturi odjerni jivverbalizzaw l-ghazla taghhom li jiehdu s-sehem rizervat fuq din l-eredità, u b'hekk l-ezercizzju, u l-ispejjez, li jsiru f'dik il-kawza jservu wkoll ghat-talba taghhom. L-esponenti hawnhekk jirreferi b'mod partikolari ghall-mod, korrett, li bih saru l-affarijiet fil-kawza deciza minn din l-Onorabbli Qorti fit-12 ta' April 2011, fl-ismijiet: "Giorgia Mercieca vs Carmela Sciberras et", Rikors Gur. 84/2006.

5. Illi jidher car mill-kumpless kollu tal-fatti li din il-kawza saret b'mod vessatorju u frivolu ghall-ahhar da parti tal-atturi odjerni – tant li sahansitra dawn uzaw semplici fotokopja tal-istess dokumenti akkwiziti minn Dr. Angele Formoa nomine fil-kawza ntentata minnha – fi sforz li jghabbu lill-esponenti bi spejjez assolutament mhux necessarji. Dan ma huwa xejn hlief abbuz tal-procedimenti gudizzjarji u l-esponenti qieghed ghalhekk jitlob il-protezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti minn tentattiv ta' din ix-xorta u dan billi din l-Onorabbli Qorti takkolla l-ispejjez kollha ta' din il-procedura lill-atturi.

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-porzjoni rizervata, l-esponenti jirrileva wkoll li ommu espressament irrikonoxxiet li huwa, u huwa biss, kien qed jirrendilha servigi, kuri u assistenzi u jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha u kien proprju ghalhekk li hija ordnat legat rimuneratorju favur tieghu. Sahansitra ghal diversi snin, l-esponenti laqa' lil ommu f'daru u ma kienx jafdaha minuta

wahedha minhabba l-kundizzjoni pjetuza li kienet giet ridotta fiha. Ghaldaqstant il-kumpens dovut lilu ghal dawk is-servigi ghandu jitqies bhala kreditu kontra l-assi ereditarji taghha u ghandu jitnaqqas minn kull valutazzjoni li ssir ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-porzjoni rizervata.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr Angele Formosa nomine illi eccepiet:

1. Illi in kwantu ghat-talba tal-atturi ghas-sehem rizervat ta' Rita Camilleri, l-atturi jafu li l-esponenti nomine rrinunzjaw ghall-wirt u qeghdin jitolbu huma wkoll ghas-sehem rizervat spettanti lilhom u dan kif jidher mill-atti tal-kawza Angele Formosa noe vs Alfred Camilleri 84/2014(JVC), li l-konvenuti wkoll huma parti fiha, ghalkemm kontumaci u ghalhekk bhala legittimarji, ma humiex il-legittimi kontraditturi stante li ma setghetx issir talba ghall-hlas tas-sehem rizervat fil-konfront ta' legittimarji izda din hija talba li trid tigi ndirizzata kontra l-werrieta jew kuraturi tal-wirt battal;

2. Illi in kwantu ghat-talba tad-divizjoni ta' l-assi ta' Joseph Camilleri, l-konvenuta nomine qed tqajjem l-eccezzjoni preliminari tal-*les alibi pendens*, stante illi din it-talba wkoll hija nkorporata fil-kawza hawn fuq citata.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti *nomine* ma topponix li l-atturi jiehdu dak li huwa dovut lilhom skont

il-ligi, salv li jigu verifikati l-assi ta' Joseph Camilleri u l-ishma dovuti lill-partijiet.

4. Illi fid-dawl tal-kawza li tinsab diga' pendenti u l-verbal moghti mill-istess atturi, konvenuti kontumaci fil-kawza l-ohra tal-84/2014, l-esponenti *nomine* ma ghandhiex tbaghti l-ebda spejjez ghall-kawza odjerna la fir-rigward tat-talba ghas-sehem rizervat u lanqas fir-rigward ghat-talba tal-likwidazzjoni u divizjoni tal-wirt ta' Joseph Camilleri.

5. Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Rat illi precedentement ghal din il-kawza kienet giet ukoll intavolata kawza ohra bin-numru 84/2014 mill-konvenuti Dr. Angele Formosa nomine kontra Alfred Camilleri u l-istess atturi odjerni fejn ukoll intalbet id-divizjoni tal-wirt ta' Joseph Camilleri u l-likwidazzjoni tal-porzjoni riservat a favur Joseph Camilleri u Mary Xiberras li wkoll issottomettew li rrinunzjaw ghall-wirt ta' Rita Camilleri u talbu li din il-Qorti tillikwida favur taghhom is-sehem riservat skont il-ligi;

Rat illi l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Alfred Camilleri u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Dr. Angele Formosa nomine gew irtirati wara li fil-verbal tat-22 ta' Settemru, 2015 gew irtirati t-talbiet tal-atturi in kwantu dawn jirrigwardaw id-divizjoni ta' l-assi ta' Joseph Camilleri kif ukoll wara li giet prezentata n-nota ta' rinunzja ghall-wirt ta' Rita Camilleri da parti tal-atturi Azzopardi odjerni;

Rat illi l-partijiet kollha qablu li l-kawzi kellhom jinstemghu u jigu decizi flimkien, filwaqt li l-provi migbura fiz-zewg kawzi kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni fiz-zewg decizjonijiet;

Rat in-nomina tal-Perit Joseph Stellini fl-atti tal-kawza 84/2014 sabiex jirrelata dwar l-assi mmobiljari fl-ereditajiet in kwistjoni u rat ir-rapport tieghu a fol. 100 et seq. tal-process 84/2014.

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Marzu, 2018 iz-zewg kawzi gew differiti ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawza 84/2014 deciza llum stess fl-ismijiet **Dr. Angele Formosa ghan-nom tal-imsefrin Joseph Camilleri u Mary Xiberras vs Alfred Camilleri; Carmelo Azzopardi, Alvin Azzopardi, Stephen Azzopardi, Josef Azzopardi** gie deciz kif isegwi**:**

'Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat ta' Dr. Angele Formosa ghan-nom tal-imsefrin Joseph Camilleri u Mary Xiberras illi ppremettiet:

1. Illi l-genituri tal-partijiet cioe Joseph Camilleri gia iben Francis Camilleri u Paola nee' Gafa kien imwieled Xaghra, Ghawdex u Rita Camilleri gia bint il-mejtin Vittorio Mercieca u Marianna nee' Tabone kienet imwielda Xaghra, Ghawdex, mietu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) rispettivament u dana skont kif jirrizulta mic-certifikati tal-mewt li qed jigu hawn annessi bhala Dok C u F rispettivament;

2. Illi l-missier Joseph Camilleri miet intestat u ghalhekk il-wirt tieghu ghadda fuq l-erba' (4) uliedu l-kontendenti Joseph Camilleri, Mary Xiberras u Alfred Camilleri fi kwota ta' kwart (1/4) indiviz kull wiehed u fuq bintu Victoria Azzopardi ghar-rimanenti kwart (1/4) indiviz, u dana kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji annessi u mmarkati bhala Dokument D u E;

3. Illi l-imsemmija Victoria Azzopardi mietet intestata fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006) u ghalhekk il-wirt taghha ghadda fuq zewgha Carmelo Azzopardi u fuq t-tliet uliedha Alvin, Stephen u Josef ahwa Azzopardi u dana skont kif jirrizulta md-dokumenti annessi bhla Dokumenti K u L;

4. Illi kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji annessi u mmarkati bhala Dokumenti G u H l-imsemmija Rita Camilleri rregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud datati wiehed u ghoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) u tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) li qed jigu hawn annessi bhala Dok I u J rispettivament;

5. Illi permezz ta' dawn it-testmenti l-imsemmija Rita Camilleri halliet b'titolu ta' prelegat a favur tal-konvenut Alfred Camilleri diversi proprjetajiet immobbli u favur l-atturi Joseph Camilleri u Mary Xiberras xi flus jew investimenti simili li hija kellha l-Argentina u nnominat bhala eredi universali taghha lill-konvenut Alfred Camilleri;

6. Illi rrizulta li l-imsemmija Rita Camilleri ddisponiet kwazi minn gidha kollu favur Alfred Camilleri u l-atturi sfaw f'pozizzjoni fejn ma setghu jissuccedu ebda gid minghand ommhom;

7. Illi filwaqt li l-atturi accettaw il-wirt ta' missierhom, huma rrinunzjaw ghall-wirt ta' ommhom Rita Camilleri permezz tan-nota ta' rinunzja li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala Dok M u jridu s-sehem riservat lilhom skont il-Ligi;

8. Illi stante li ma hemmx qbil bejn il-kontendenti dwar id-divizjoni tal-assi tal-missier u ghall-hlas tas-sehem rizervat lilhom mill-wirt ta' ommhom, l-atturi kellhom jipprocedu b'din il-kawza.

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddikjara l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn l-imsemmija Joseph u Rita konjugi Camilleri, billi jigi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

(ii) Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidati f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi separati tal-konjugi Camilleri;

(iii) Tillikwida l-assi partikolari ta' Joseph Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-ohra kollha parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

(iv) Tillikwida l-assi partikolari ta' Rita Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u l-beni l-ohra parafernali mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

(v) Tinnomina perit arkitett sabiex jistabilixxi l-valur tal-konsistenza tal-wirt ta' Joseph u Rita konjugi Camilleri u sabiex jiddetermina jekk l-assi konsistenti fil-wirt ta' Joseph Camilleri humiex komodament divizibbli;

(vi) Taqsam u tiddividi l-assi partikolari ta' Joseph Camilleri f'erba' (4) porzjonijiet li ghandhom jigu assenjati kwart (1/4) lil kull wiehed u wahda minn Joseph Camilleri, Mary Xiberras u Alfred Camilleri u l-kwart l-iehor lil Carmelo Azzopardi u Alvin, Stephen u Josef ahwa Azzopardi bejniethom;

(vii) Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun tad-divizjoni tal-wirt ta' Joseph Camilleri f'dik id-data hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi nominandi li jinhatru sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(viii) Fin-nuqqas u f'kaz li jirrizulta illi l-beni m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, tordna l-bejgh bis-subbasta bl-ammissjoni ta' oblijaturi estranei tal-istess beni sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti hawn fuq;

(ix) Tillikwida s-sehem rizervat ossia l-legittima spettanti lill-atturi skont il-ligi fuq il-gid ta' ommhom Rita Camilleri;

(x) Tordna lill-konvenut Alfred Camilleri jhallas lill-atturi dak is-sehem rizervat ossia legittima hekk likwidata;

(xi) Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' hlas tas-sehem rizervat f'dik id-data hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-

intervent ta' kuraturi nominandi li jinhatru sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(xii) Fin-nuqqas u f'kaz li jirrizulta li l-porzjon rizervat ma jistax jithallas fizikament tordna l-bejgh bis-subbasta bl-ammissjoni ta' oblijaturi estranei tal-istess beni sabiex mir-rikavat tkun tista' tithallas is-sehem riservat ossia legittima lill-atturi.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' Alfred Camilleri illi eccepixxa:

8. Illi l-esponenti jiddikjara li huwa qatt ma oggezzjona la ghad-divizjoni tal-assi ereditarji ta' missieru Joseph Camilleri u lanqas sabiex hutu jithallsu l-porzjoni rizervata lilhom skont il-ligi fuq il-wirt ta' ommu Rita Camilleri purke, però, l-ewwelnett jigu vverifikati l-konsistenzi tal-assi ereditarji rispettivi, jigu likwidati u jittiehdu in kunsiderazzjoni debita d-debiti tal-assi ereditarji, u jittiehdu in kunsiderazzjoni wkoll d-donazzjonijiet ta' flus li Rita Camilleri ghamlet favur uliedha kollha, partikolarment l-atturi matul hajjitha. Infatti kien l-esponenti li ripetutament kiteb lil hutu fl-Awstralja u stedinhom jersqu ghal divizjoni bonarja minghajr ma qatt irceva ebda risposta ghajr din il-kawza. Ghaldaqstant l-esponenti jsostni li huwa ma ghandu jhallas l-ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza.

9. Illi fir-rigward tat-talba ghall-hlas tal-porzjoni rizervata, l-esponenti jirrileva wkoll li ommu espressament irrikonoxxiet li huwa, u huwa biss, kien qed jirrendilha servigi, kuri u assistenzi u jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghha u kien proprju ghalhekk li hija ordnat legat rimuneratorju favur tieghu. Sahansitra ghal diversi snin, l-esponenti laqa' lil ommu f'daru u ma kienx jafdaha minuta wahedha minhabba l-kundizzjoni pietuza li kienet giet ridotta fiha. Ghaldaqstant il-kumpens dovut lilu ghal dawk is-servigi ghandu jitqies bhala kreditu kontra l-assi ereditarji taghha u ghandu jitnaqqas minn kull valutazzjoni li ssir ghall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-porzjoni rizervata.

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Carmelo Azzopardi, Alvin Azzopardi, Stephen Azzopardi, Josef Azzopardi illi eccepew:

1. Illi l-esponenti ma joggezzjonawx ghad-divizjoni tal-assi ta' Joseph Camilleri, u qatt ma oggezzjonaw ghal din id-divizjoni. Illi qabel din id-divizjoni huma qatt ma gew interpellati sabiex jersqu ghal divizjoni opportuna, haga li huma dejjem kienu lesti illi jaghmlu u ghalhekk huma ma ghandhomx ibaghtu spejjez. L-uniku verifiki illi jridu jsiru f'dan ir-rigward huma dik ta' konsistenza fl-assi kif ukoll tal-kwoti rispettivi.

2. Illi dwar il-wirt ta' Rita Camilleri l-esponenti lanqas qieghdin jaccettaw il-wirt ta' Rita Camilleri u ukoll iridu illi jiehdu l-legittima ossia s-sehem riservat spettanti lilhom mill-wirt tal-imsemmija Rita Camilleri u ghalhekk t-talbiet indirizzati kontra taghhom kwantu dawk illi jirrigwardaw l-eredita ta' Rita Camilleri ma ghandhomx jigu akkolti u ghadhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju minghajr oneru ta' xi spejjez.

3. Illi din ir-risposta qed issir mill-konvenuti Carmelo Azzopardi, Alvin Azzopardi, Stephen Azzopardi u Josef Azzopardi u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Stephen Azzopardi li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza u eccezzjonijiet.

   Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti u provi kollha fl-atti;

Rat li fil-mori giet ukoll prezentata kawza ohra bin-numru 16/2015 mill-konvenuti Azzopardi kontra Alfred Camilleri u Dr. Angele Formosa nomine fejn huma wkoll issottomettew li rrinunzjaw ghall-wirt ta' Rita Camilleri u talbu li din il-Qorti tillikwida favur taghhom il-legittima skont il-ligi;

Rat illi l-partijiet kollha qablu li l-kawzi kellhom jinstemghu u jigu decizi flimkien, filwaqt li l-provi migbura fiz-zewg kawzi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni fiz-zewg decizjonijiet;

Rat in-nominta tal-Perit Joseph Stellini sabiex jirrelata dwar l-assi mmobiljari fl-ereditajiet in kwistjoni u rat ir-rapport tieghu a fol. 100 et seq. tal-process.

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Marzu, 2018 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawza odjerna u l-kawza bin-numru 16/2015 jikkonsistu konguntement f'talbiet sabiex issir id-divizjoni tal-wirt ta' Joseph Camilleri li ntiret b'mod ugwali mil-erba' uliedu b'dana li bintu Victoria Azzopardi giet nieqsa u allura fil-kawzi dahlu r-ragel taghha Carmelo Azzopardi u uliedha tliet ahwa Azzopardi li wirtuha stante li mietet intestata. Il-kawzi wkoll jitolbu li din il-Qorti tordna l-hlas ta' porzjon riservat mill-uniku eredi Alfred Camilleri favur il-partijiet Azzopardi, Joseph Camilleri u Mary Xiberras li lkoll irrinunzjaw ghal wirt ta' ommhom Rita Camilleri.

Illi hemm qbil bejn il-partijiet li Joseph Camilleri miet intestat u li succedewh l-erba' uliedu;

Illi mhux kontestat f'dan l-istadju li kemm l-atturi fil-kawza odjerna Joseph Camilleri u Mary Xiberras ( fol. 33) kif ukoll l-atturi fil-kawza 16/2015 Carmelo Azzopardi, Alvin Azzopardi, Stephen Azzopardi u Josef Azzopardi (fol. 45 process 16/2015) lkoll irrinunzjaw ghal wirt ta' Rita Camilleri izda fl-istess hin irriservaw id-dritt taghhom ghall-porzjon riservat spettanti lilhom u ressqu talbiet ghal dikjarazzjoni u hlas ta' porzjon riservat dovuta lilhom.

Illi a fol. 47 tal-process odjern gie esebit arblu tar-razza kontenenti wkoll l-ishma liema dokument ma gie kontestat mill-ebda parti fil-kawzi;

Illi a fol. 28 jinsab esebit testment ta' Rita Camilleri datat 21 ta' Novembru, 2008 f'liema testment it-testatrici wara li hassret kwalunkwe testment li setghet ghamlet fit-tieni artikolu tal-istess testment iprovdiet kif isegwi:

*'It-testatrici thalli b'titolu ta' prelegat lil binha Alfred Camilleri bis-sostituzzjoni volgari ta' bintu, id-dar numru tmienja u erbghin (48), fi Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex, b'zewg bibien ohra bla numru, wiehed ta' remissa ghal fuq Triq Jannar, u l-iehor bieb ta' bitha li jaghti ghal fuq Triq Bullara, bl-affarijiet kollha ta' go fiha, nkluzi wkoll il-kotba tal-bank, titolu li jirraprezentaw flus u flus kontanti li jistghu jinsabu fl-imsemmija fl-epoka tal-mest tat-testatrici.*

*Dan kollu hija qed thallih lil imsemmi binha Alfred Camilleri bhala tpattija tas-servigi, kuri u assistenzi li ghamel maghha sal-lum;*

*Bl-obbligu li l-imsemmi Alfred Camilleri jibqa jiehu hisebha sa mewta u ma jirrikoverahiex f'xi sptar gerjatriku jekk mhux f'kaz ta' assoluta necessita'.*

*Bl-obbligu li jekk l-imsemmi prelegatarju jigi biex ibiegh jew b'xi mod jaljena d-dar ismemmija b'titolu inter vivos, huwa ghandu jaghti l-ewwel preferenza lil hutu Joseph Camilleri u Maria Xiberras.'*

Illi permezz tat-tielet artikolu fl-istess testment it-testatrici halliet numru ta' raba wkoll lill-istess Alfred Camilleri filwaqt li permezz tar-raba' artikolu halliet bhala eredi universali lil binha Alfred Camilleri bis-sostituzzjoni volgari ta' bintu Marita Pisani.

A fol. 30 tal-process 84/2014 jinsab esebit it-tieni testment ta' Rita Camilleri hija ziedet mat-testment precedenti kif isegwi:

*'It-testatrici thalli b'titolu ta' prelegat lil uliedha: Joseph Camilleri u Maria Xiberrras, fi kwoti ndaqs bejniethom, il-8954 nominal amount fir-Republic of Argentina, li prezetnement qed jigu amministrati minn Michael Grech Financial Investment Services Limited. Dan il-prelegat qed jithalla lil fuq imsemmija uliedha bhala zieda ma' dawk il-flus li hi gia' tathom matul hajjitha.'*

Illi da parti tieghu Alfred Camilleri ma oggezzjonax ghat-talbiet tal-partijiet Azzopardi, Camilleri u Xiberras anzi jsostni li hu ilu jiprova jikkuntattja lil hutu fl-Awstralja sabiex jaghmel hekk izda baqa' bla risposta. Jinsisti wkoll izda li sabiex issir il-qasma u l-kalkolu tal-porzjon riservat ghandhom jitpoggew lura fl-eredita' l-assi kollha li l-ahwa rcevew tul hajjithom. Jinsisti wkoll li ghandhom jigu wkoll tenut kont is-servigi li huwa renda lil ommu li wasslu ghall-prelegat favur tieghu tad-dar residenzjali taghha b'dana li huwa jinsisti li l-valur kollu ta' dik il-proprjeta' ghandha titqies bhala dejn tal-eredita'.

Illi a fol. 45 tal-process giet esebita nota bil-lista tal-proprjeta' tad-decujus Joseph Camilleri u Rita Camilleri. Illi l-lista fir-rigward ta' Joseph Camilleri giet korretta permezz tal-verbal a fol. 62 tal-process b'dana li l-proprjeta' indikata a fol. 45 bin-numru (5) 46, fi Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex giet eskluza mil-lista stante li kienet inbieghet inter vivos.

Illi permezz tar-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Stellini a fol. 100 et seq tal-process gew ivvalutati l-prorpejtajiet segwenti:

1) Il-Lok 48, Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex li thalla bhala hlas ta' servigi lil Alfred Camilleri u gie vvalutat ghas-somma ta' €125,000;

2) Porzjon raba' ta' Barda, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex li giet ivvalutata ghas-somma ta' €2,500;

3) Porzjon ohra raba' ta' Barda, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex li giet ivvalutata ghas-somma ta' €5,000;

4) Raba Tad-Dabrani, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex li giet ivvalutata ghas-somma ta' €4,000.

Il-Qorti rat li ghalkemm il-Perit Stellini kien gie nominat sabiex jivvaluta l-proprjetajiet kollha ndikati a fol. 45 u 46 b'eskluzjoni tal-proprjeta' paragrafu 5 gia imsemmija aktar 'il fuq huwa rrelata biss fuq l-erba' proprjetajiet hawn fuq indikati b'dana li thallew barra xi proprjetajiet indikati fil-lista tad-decujus Joseph Camilleri. Hadd mill-partijiet ma ressaq xi pretensjoni jew oggezzjona ghar-rapport tal-perit tekniku b'dana li din il-Qorti ma ghandiex prova dwar il-valur ta' uhud mill-proprjetajiet indikati taht Joseph Camilleri partikolarment dawk indikati bil-paragrafi (1), (3) (6) u (7) a fol. 45 tal-process. Illi dwar din il-proprjeta' l-konvenut Alfred Camilleri fin-nota responiva tieghu a fol. 48 tal-process 84/2014 u fin-nota ta' sotomissjonijiet tieghu jissottometti kif isegwi:

*1. 'Fir-rigward tal-wirt ta' Joseph Camilleri huma ddikjaraw li dan jikkonsisti fi:*
*a. Nofs indiviż minn porzjon art "Ta' Għar Qawqla" ta' madwar 3372m.k.;*
*L-esponenti ġibed l-attenzjoni tal-atturi li ma hemm l-ebda raba b'dan l-isem u b'dan il-kejl.*

*b. Porzjon art "Ta' Barda" ta' madwar 613m.k.;*

*L-esponenti attira l-attenzjoni tal-atturi li l-missier seta' kellu biss nofs indiviż minn din l-art għaliex effettivament din hija l-istess raba indikata, li l-atturi stess indikaw li Rita Camilleri kellha nofs indiviż minnha, bħala partiti b u ċ fl-elenku tal-assi tagħha;*

*c. Porzjon art "Ta' Għajn Barrani" ta' madwar 5620m.k.;*
*L-intier minn din il-proprjetà ġie stmat €35,000.*

*d. Porzjon art "Ta' Dabrani" ta' madwar 750m.k.,*
*L-esponenti attira l-attenzjoni tal-atturi li l-missier seta' kellu biss nofs indiviż minn din l-art għaliex effettivament din hija l-istess raba indikata, li l-atturi stess indikaw li Rita Camilleri kellha nofs indiviż minnha, bħala partita d fl-elenku tal-assi tagħha;*

*e. Ottava parti indiviża tal-fond 46, Triq Ġnien Imrik, Xagħra, bil-ġnien anness miegħu; l-esponenti kien iddikjara li dan il-fond kien ilu li nbiegħ u effettivament anki ppreżenta kopja tal-kuntratt ta' bejgħ tiegħu fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri tal-10 ta' Ġunju 1988.*

*f. Nona parti indiviża minn porzjon art fi Triq Ġnien Imrik;*
*L-esponenti ddikjara li ma jaf bl-ebda raba bħal dan u effettivament din ir-raba baqgħet qatt ma ġiet identifikata mill-atturi.*

*g. Nofs indiviż minn porzjon art magħrufa bħala "Tal-Pergla" sive "Ta' Rdum ta' Għajn Barrani" ta' madwar 35,406m.k..'*

Illi lanqas tressqet prova tal-konsistenza ta' l-hekk imsejjah 'nominal account' fir-Repubblika tal-Argentina elenkat bhala numru (5) taht il-proprjeta' tad-decuius Rita Camilleri liema kont thalla bhala pre-legat a favur il-partijiet Joseph Camilleri u Mary Sciberras.

Illi a fol. 342 tal-process 84/2014 gie esebit kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo datat 1 ta' Settembru, 1998 permezz ta' liema kuntratt id-decuius Rita Camilleri bieghet lil Alfred Camilleri fond qadim b'art mieghu bla numru fi Triq Marsalfron Xaghrla bil-prezz ta' Lm5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87 liema flus Alfred Camilleri obbliga ruhu li jhallas minghajr interessi meta issir id-divizjoni bejnu u bejn hutu l-ohra tal-assi tal-venditirici, ommu. Dawn il-flus ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-kalkolu tal-assi ereditarji ta' Rita Camilleri.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-suespost u mill-atti jirrizulta li allura l-parti l-aktar kontestata f'dawn il-proceduri hija l-kalkolu tal-porzjon riservat fuq l-eredita' ta' Rita Camilleri.

Illi Rita Camilleri mietet fit-3 ta' Frar 2013 u ghaldaqstant id-dritt tal-atturi fiz-zewg kawzi huwa ghal "sehem riservat" fuq il-wirt ta' Rita Camilleri u dan ai termini tal-artikoli 615 et seq tal-Kap. 16 kif emendati wara l-emendi fil-Kap. 16 bl-Att XVIII.2004 izda mhux kif sussegwentement emendati.

Illi gia gie accennat aktar 'il fuq li Rita Camilleri rregolat is-successjoni taghha permezz ta' zewg testmenti fl-atti tan-Nutar Josianne Mifsud, wiehed tal-21 ta'

Novembru 2008 u l-iehor tat-2 ta' Mejju 2012 (fol. 28 et seq). Bis-sahha tal-ewwel testment hija hassret it-testmenti precedenti taghha u halliet b'titolu ta' prelegat lil Alfred Camilleri id-dar 48, fi Triq Jannar, Xaghra bid-deskrizzjoni kif suesposta. Hija ddikjarat li dak il-prelegat kienet qed thallih lil Alfred Camilleri bhala tpattija tas-servigi, kuri u assistenzi li huwa ghamel maghha u bl-obbligu li jibqa' jiehu hsiebha sa mewtha kif hawn fuq ikkwotat. Permezz tal-istess testment hija halliet ukoll b'titolu ta' prelegat lil Alfred Camilleri r-raba kollu li jinsab fil-kuntrada tal-Pergla maghruf bhala Ir-Rdum ta' Ghajn Barrani, fil-limiti ta' Xagħra – konsistenti minn hames bicciet t'art separati, tal-kejl rispettiv ta' 7 sighan, 4 sighan, 4 sighan, 28 tomna, u tomna. Importanti li jigi notat li t-testarici fir-rigward ta' dan ir-raba' ddikjarat illi:

"Dan il-prelegat hija qed thallih fl-intier lill-imsemmi binha avolja taf li jappartjeni lill-Komunjoni ta' l-Akkwisti ta' bejnha u bejn il-mejjet zewgha Giuseppi".

Fl-istess testment innominat bhala eredi universali taghha lill-istess Alfred Camilleri filwaqt li mkien ma semmiet lit-tlett uliedha l-ohra.

Kif gia suesposti permezz tat-tieni testment taghha, hija halliet b'titolu ta' prelegat lil uliedha Joseph Camilleri u Maria Xiberras fi kwoti ndaqs bejniethom il-kont nominati fir-Republic of Argentina.

Illi fin-nota guramentata taghhom a fol. 45 tal-process l-atturi Dr. Angele Formosa nomine indikaw l-assi ta' Rita Camilleri kif isegwi:

1. Id-dar 48, Triq Jannar, Xaghra, b'bieb iehor għal fuq Triq Jannar u iehor ghal fuq Triq Bullara;

Dan il-fond gie stmat €125,000 mill-perit tekniku Joseph Stellini.

2. Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 355m.k.,

Dan in-nofs indiviz huwa stmat €1,250 mill-perit tekniku.

3. Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 618m.k.,

Dan in-nofs indiviz huwa stmat €2,500 mill-perit tekniku.

4. Nofs indiviz minn porzjon raba "Tad-Dabrani" ta' madwar 877m.k.,
Dan in-nofs indiviz gie stmat €4,000 mill-perit tekniku.

5. In-nominal accounts fir-Repubblika tal-Arġentina. Kif gia espost ma tressqet l-ebda prova fl-atti dwar il-konsistenza ta' dawn il-kontijiet.

6. Depositi bankarji f'banek lokali. Dwar dawn id-depositi l-provi mressqa fl-atti urew li jekk kien hemm xi flus fil-banek tad-decujus, dawn il-kontijiet kienu nghalqu fiz-zmien meta hija kienet ghadha hajja. (ara xhieda u dokumenti a fol. 75 sa 89 tal-process 84/2014)

7. L-oggetti mobbli, ghamara u oggetti prezzjużi fid-dar 48 Triq, Jannar, Xaghra. Fl-atti la tressqu provi li hemm xi oggetti prezzjuzi fil-fond in kwistjoni u wkoll ma tressqet l-ebda prova dwar l-ghamara kontenuta fl-istess jekk hemm.

**A. Likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji ta' Joseph Camilleri:**

Illi d-divizjoni u likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Joseph Camilleri ma gietx opposta mill-konvenuti anzi minn ebda parti fil-kawza. Il-konvenut Alfred Camilleri anzi jsostni fis-sottomissjonijiet tieghu illi la darba hutu l-ohra u ulied ohtu l-ahwa Azzopardi flimkien ma' missierhom ma accettawx l-eredità ta' Rita Camilleri allura l-istess Alfred Camilleri ma jistax jinforzaha id-dispozizzjoni kontenuta fl-ewwel testment ta' Rita Camilleri li permezz taghha hija halliet b'legat lil Alfred Camilleri anki s-sehem ta' zewgha mir-raba msemmija fl-istess testment. Il-Qorti tikkonkorri ma' din is-sottomissjoni u allura Alfred Camilleri ghandu jitqies bhala legatarju biss tan-nofs indiviż mill-istess raba' spettanti lilu minn ommu filwaqt li n-nofs l-iehor ghandu jitqies li jifforma parti mill-assi ereditarji ta' Joseph Camilleri b'dana li ghandu jigi assenjat lil erbat ulied (fosthom ulied u armel ta' Victoria Azzopardi fi kwota wahda bejniethom) fi kwoti ndaqs bejniethom.

Kif gia nghad izda whud mill-proprjeta' msemmija bhala tal-mejjet Joseph Camilleri ma tressqet l-ebda prova dwarha filwaqt li fir-rigward ta' proprjeta' ohra ghalkemm din giet indikata bhala kollha proprjeta' ta' Joseph Camilleri fil-fatt fl-istess nifs (fit-tieni parti tan-nota) gie accettat li nofsha kienet tappartjeni lil Rita Camilleri.

Illi fis-sottomissjonijiet tieghu Alfred Camilleri jsostni li l-porzjon art 'Ta Ghajn Barrani' ta' madwar €5620 mk giet stmata fl-intier taghha ghas-somma ta' €35,000. Din il-Qorti ma sabet xejn fl-atti li jissostanzja din is-sottomissjoni stante li din il-proprjeta' ma gietx stmata mill-Perit Tekniku.

Illi in vista ta' dak kollu suespost din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni li l-assi ereditarji ta' Joseph Camilleri jikkonsistu fil-proprjeta' segwenti:

a. Nofs indiviz mill-Porzjon art "Ta' Barda" ta' madwar 613m.k. deskritta fil-paragrafu (2) tan-nota a fol. 45 u li mill-kejt tidher li hija l-istess wahda ndikata f'paragrafu (3) taht il-proprjeta' tad-decuius Rita Camilleri liema nofs indiviz gie stmat €2,500 mill-perit tekniku.

b. Nofs indiviz mill-Porzjon art "Ta' Dabrani" ta' madwar 750m.k deskritta fil-paragrafu 4 tan-nota a fol. 45. Dan in-nofs indiviz gie stmat €4,000 mill-perit tekniku.

c. Porzjon art "Ta' Ghajn Barrani" ta' madwar 5620m.k. deskritta fil-paragrafu 3 tan-nota a fol. 45. Il-konvenut Alfred Camilleri jsostni li l-intier ta' din il-proprjetà gie stmat €35,000. Il-Qorti tista' biss tistrieh fuq id-dikjarazzjoni tal-istess Alfred Camilleri dwar il-valur ta' din l-art.

Illi dwar il-bqija tal-proprjeta' indikata ma tressqet l-ebda prova fl-atti. In oltre l-Qorti tinnota li ghalkemm il-perit tekniku ma rrelatax dwar jekk dawn il-proprjetajiet humiex kommodament divizibbli mid-deskrizzjoni tal-istess u anki in vista li parti minnhom huma wkoll formanti parti mill-eredita' tad-decuius Rita Camilleri din il-Qorti tiddikjara li ma tqisx li din il-proprjeta' hija kommodament divizibbli w'ghalhekk l-ahjar soluzzjoni hija li jigi ordnat il-bejgh in licitazzjoni tal-proprjeta' bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji sabiex l-eredt jiehdu l-massimu tal-valur tal-istess proprjeta.

**B. Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Rita Camilleri u hlas tas-sehem riservat lil Joseph Camilleri, Mary Xiberras u l-atturi fil-Azzopardi fil-kawza 16/2015:**

Illi kif sottomess aktar 'il fuq stante li Rita Camilleri giet nieqsa fis-sena 2013 japplikaw allura ghall-kawza odjerna l-artikoli 615 *et seq.* tal-Kap. 16 kif emendati permess tal-Att XVIII.2004.

Illi l-artikolu 615 tal-Kap. 16 jaqra kif isegwi:

*615 '(1) Is-sehem riservat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iz-zwieġ jew imnissla jew imwielda barra miz-zwieg jew adottati, ghandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux izjed minn erba' fl-ghadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu hamsa jew izjed.*

*(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Mghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn:*

*Izda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-kaz hekk jehtieġu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.'*

Illi ai termini tal-artikolu 620 (2) tal-Kap. 16 jinghad illi s-sehem riservat jigi kalkolat fuq l-assi kollha wara li jitnaqqsu d-djun tal-assi u l-ispejjez tal-funerali. Is-subartikolu 5 jaqra kif isegwi:

*'(5) Il-persuna li jkollha jedd ghas-sehem riservat ghandha tiehu akkont tas-sehem taghha kull beni mhollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja ghal ebda dispożizzjoni testamentarja favur taghha u titlob is-sehem riżervat, sakemm dik id-dispożizzjoni testamentarja ma ssirx*

*f'użufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' uzu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta ghal zmien limitat.'*

Illi fil-kalkolu tal-assi sabiex finalment wiehed jasal ghas-sehem riservat issir referenza ghall-artikolu 647 et seq. tal-Kap. 16:

*'647: Id-disposizzjonijiet ta' testment, meta jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, ghandhom jitnaqqsu sa dak is-sehem, fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, izda dan kemm-il darba t-talba tigi maghmula fiz-zmien imsemmi fl-artikolu 845.'*

*'648: Biex jigi stabbilit kemm ghandu jkun dan it-tnaqqis, ghandhom jitharsu dawn ir-regoli li gejjin:*

*(a) ghandha ssir gabra tal-beni kollha li jkun hemm fiz-zmien tal-mewt tat-testatur, wara li jinqatgħu minnhom id-djun;*
*(b) il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ghandhom imbaghad jiġu mghaqqdin maghhom b'kalkolu biss, skont il-valur ta' dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni;*
*(c) is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jitqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' min mir-raġel u l-mara jibqa' haj skont l-artikoli 615 sas-639.'*

*'651: Kemm-il darba d-disposizzjonijiet b'testment ikunu jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, jew il-bicca ta' dan is-sehem li tibqa' wara li jinqata l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir pro rata, minghajr ebda ghazla bejn werrieta u legatarji.'*

Illi dawn l-artikoli qed jigu kwotati (kif ukoll espona l-konvenut Alfred Camilleri) in vista tal-emendi li saru applikabbli wara l-2006. F'dan ir-rigward il-konvenut fis-sottomissjonijiet tieghu jissottometti kif isegwi:

*'Huwa ovvju li differenza sostanzjali bejn ir-reġim applikabbli qabel l-2006 u dak viġenti llum hija dupliċi: l-ewwelnett, illum is-sehem riżervat ma huwiex jedd fuq il-beni in natura, kif kien qabel l-2006 imma biss kreditu kontra l-wirt; u t-tieni nett: id-data ta' riferenza għal dak li jirrigwarda l-istima tal-assi ereditarji sabiex jiġi stabbilit il-valur tas-sehem riżervat hija d-data ta' meta saret id-donazzjoni fir-rigward ta' beni mogħtija b'donazzjoni, u d-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni fir-rigward ta' beni oħra.'*

Din il-Qorti tikkonkorri ma' dak espost minn Alfred Camilleri dwar dawn il-punti.

Illi fil-kawza **Joseph Portelli et vs. Rita Portelli et**. liema decizjoni giet ikkwotata fis-sottomissjonijiet kollha li saru fl-atti mill-partijiet deciza nahr il-15 ta' April, 2004 (AE) gie dikjarat il-metodu dwar kif ghandha ssir ir-riunjoni fittizja tal-assi ereditarji tabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decujus fil-kaz odjern ta' Rita Camilleri:

*"Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni.*
*...*
*(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;*
*(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;*

*(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivli jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni* [1].

*B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiż is-sehem li minnu seta' jiddisponi".*

Illi fil-kaz odjern fl-ewwel testment taghha t-testatrici halliet bhala pre-legat lil binha Alfred Camilleri id-dar 48, Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex bhala hlas tas-servigi rezi minnu sa dakinhar u sal-mewt taghha taht il-kundizzjonijiet mposti fl-istess testment (ara fol. 28). Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet ta' Alfred Camilleri li l-valur ta' dak il-legat ghandu jitnaqqas mill-valur shih tal-ereditá qabel ma jkun jista' jigi kkalkolat is-sehem riservat tal-atturi fiz-zewg kawzi jiddependi izda x'valur jinghata lil dan il-legat konsistenti f'servigi.

Illi dwar dan il-punt il-konvenut Alfred Camilleri, li ovvjament huwa l-aktar wiehed li ghandu x'jitlef mill-kawzi odjerni stante li huwa l-uniku eredi ta' Rita Camilleri, fis-sottomissjonijiet tieghu isostni kif isegwi:

*4. 'Fil-każ odjern, Rita Camilleri espressament ordnat li l-prelegat favur l-esponenti tad-dar fi Triq Jannar, Xagħra "hija qed tħallih lill-imsemmi binha Alfred Camilleri bħala tpattija tas-serviġi, kuri u assistenzi li għamel magħha sal-lum. Bl-obbligu li l-imsemmi Alfred Camilleri jibqa' jieħu ħsiebha sa mewtha u ma jirrikoverahiex f'xi sptar ġerjatriku jekk mhux f'każ ta' assoluta neċessità".*

*5. Għaldaqstsant hawnhekk għandu jsir eżerċizzju sabiex jiġi stabbilit jekk l-omm setgħetx raġonevolment tħalli dan il-fond lill-esponenti bħala kumpens għas-serviġi li huwa rrendielha sad-data ta' mewtha.*

*6. Huwa sottomess bir-rispett li minn eżami tax-xhieda mogħtija f'din il-kawża jirriżulta inkontrovertibbilment li l-esponenti effettivament irrenda lil omm s-serviġi kuri u assistenzi kollha li hija kellha bżonn sa-ġurnata tal-mewt tagħha, illi minħabba l-gravità, il-frekwenza, u n-natura ta' dawk is-serviħi, kien leċitu għalih li jistenna li jiġi kkumpensat, u wkoll li minn dejjem kien hemm il-ħsieb li dwk is-serviġi jiġu kkumpensati mill-omm, u li għalhekk il-legat tad-dar fi Triq Jannar, Xagħra ordnat mill-omm verament kien wieħed remuneratorju.*

*7. Hekk, fost ix-xhieda prodotti mill-attriċi nomine nnifisha, insibu lin-Nutar Josianne Mifsud li tixhed li kien Alfred Camilleri li kien jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha ta' ommu, anki għaliex iż-żewġ ħutu l-oħra kienu msifrin.*

*8. Reverendu Arċipriet Emeritus Eucharistico Sultana wkoll prodott mill-attriċi nnifisha jikkonferma:*

---

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkuzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni il-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Iva ara arċipriet inti għidtilna illi meta kienet rikoverata għand it-tifel tagħha kont tmur taraha.*
*Ix-Xhud: Eħe.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Għat-tifel qed ngħid għal Alfred li hu preżenti hawnhekk.*
*Ix-Xhud: Hekk hu.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Issa, dak iż-żmien ngħid sewwa li Rita kienet dipendenti fuq l-għajnuna ta' ħaddieħor?*
*Ix-Xhud: Rita kienet ikkurata tajjeb minn Alfred binha u ċertament dak iż-żmien, Alla jaħfrilha, kien hemm il-mara tiegħu ukoll.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Eżatt.*
*Ix-Xhud: Sewwa? Kienet up to date.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Miżmuma pinna.*
*Ix-Xhud: Miżmuma f'kollox tajjeb u ppermettuli ngħid ma jimpurtax hawnhekk f'din l-Awla, la xxomm irwejjaħ, nadifa, mitmuha tajjeb kienet tidher li hi, miżmuma first class.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Meta tgħid miżmuma għax kienet tiddependi fuq l-għajnuna.*
*Ix-Xhud: Ċertament iva. Hi kienet marbuta ma wheelchair jew ma sodda, ma nafx. Ma nifakarx kienx wheelchair jew sodda imma naf li kont insiba marbuta. Ma tistax tiċċaqlaq kif ġieb u laħaq.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Marbuta mhux chained.*
*Ix-Xhud: No. No. Marbuta fiżikament mhux fil-liberta.*
*Il-Qorti: Ma tistax. Ma tistax tqum.*

9. *Saħansitra, il-konvenut Carmel Azzopardi, prodott huwa wkoll mill-attriċi, jikkonferma li kien l-esponenti li dar b'ommu meta din spiċċat dipendenti fuq ħaddieħor minħabba d-deterjorament f'saħħitha:*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Pero dak iż-żmien li [omm] il-mara spiċċat fil-wheelchair Vickie l-mara tiegħek, Alla jaħfrilha, kienet diġa mejta għax il-mara tiegħek mietet f'daqqa.*
*Ix-Xhud: Iva.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea: Meta imbagħad omm il-mara, Rita spiċċat fil-wheelchair spiċċat għand Fredu jieħu ħsieba hu.*
*Ix-Xhud: Iva iva għand Fredu eħe.*

10. *It-tabib Dr Michael Refalo jikkonferma li mill-kartella klinika tagħha, jirriżulta li Rita Camilleri kienet bedridden għal mill-inqas ħames snin qabel ma mietet. Għalkemm ma jissemmiex b'ismu bħala l-persuna li kienet takkumpanja lil Rita Camilleri meta din tiddaħħal l-Isptar, hemm indikat li hija kienet tkun akkumpanjata minn "her son" u billi Rita Camilleri kellha biss żewġ ulied subien, u l-attur Joseph Camilleri kien jgħix fl-Awstralja, loġikament ir-riferenza hija għall-esponenti. Hemm nota oħra li Rita Camilleri ddaħħlet l-Isptar fil-15 ta' Awwissu 2011 minħabba respite għaliex "daughter in law admitted with cerebral haemorrhage" – din hija riferenza għall-okkażjoni meta l-esponenti tilef lil martu. Hekk ukoll meta ddaħħlet l-Isptar fl-24 ta' Novembru 2010 il-firma tal-esponenti bħala l-persuna li akkumpanjatha. Jirriżulta finalment li Rita Camilleri sofriet puplesija f'Ottubru 2007 u dakinhar saħansitra kellha tittieħed l-Isptar Saint Lukes għaliex, fi kliem it-tabib "kellha fully fledged left haemophagia, jiġifieri li din ma kienitx qed tiċċaqlaq fuq naħa tax-xellug, naħa waħda minħabba il-puplesija ... hemm entratura tal-physiotherapy hawn hekk ara, waħda kienet sitting on armchair, balance in sitting poor, left upper limb flaccid, mitluqha, slight*

*movement f' saqajjha, hemm, li għamlulha imbagħad, passive movements, ċaqalqulha idejjha, il-left, stimulation u ovvjament xi eżerċizji oħrajn mill-physiotherapist biex jippruvaw jgħinuha tirkupra iktar ... Trid tiftakar li għandha saqajjha ma' kienitx iċċaqlaqha, u l-anqas idejha". Dan juri li l-esponenti għamel miżerjament ħames snin u erba' xhur jippresta serviġi kontinwi lil ommu.*

*11. Ir-ritratti li hemm eżebiti juru li matul dan iż-żmien kollu, l-istat ta' saħħa tagħha kien wieħed prekarju u hija kienet tiddependi fuq l-għajnuna tal-esponenti u tal-familja tiegħu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, tliet mija u ħamsa u sittin ġurnata fis-sena. Matul dan iż-żmien, mhux biss kien jipprovdilha dar fejn toqgħod, iħallas huwa l-konsum ta' dawl u ilma kollu li hija kienet tikkonsma għall-bżonnijiet kollha tagħha, jieħu ħsieb il-bżonnijiet kollha tagħha kemm fiżiċi, mediċi kif ukoll ta' akkumpanjament.*

*12. Finalment dan huwa kkonfermat mix-xhud Rita Cauchi, in-nurse li kienet timmedika lil Rita Camilleri fl-aħħar sena u nofs ta' ħajjitha meta kienet bdiet tbati minn ferita f'sieqha. Hija tgħid li kienet tmur taraha fil-fond:*
*Ix-Xhud:*
*29, Franġisk Camilleri Street, Xagħra, dar kantuniera ma Mikiel Farrugia.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea:*
*U taf min joqgħod hemmhekk?*
*Ix-Xhud: Jien kont nara lit-tifel tagħha Alfred u lil Marita, dawk kont nara, bit-tfal tagħha, kellha żewġt ti tfal.*
*L-Avukat Dottor Carmelo Galea:*
*Dina bħala iġjene u bħala kura kif kienet miżmuma?*
*Ix-Xhud:*
*Kienet miżmuma tajjeb ħafna. Alfred kien jaħsilha hu, sewwa kienet tkun, nadifa.*

*13. Oltre dan hemm naturalment ix-xhieda tal-esponenti nnifsu u ta' bintu Marita Pisani, li fuqhom l-esponenti mhux ser jisħaq għaliex jemmen li ix-xhieda ta' dawn il-persuni estranju u disinteressati fl-eżitu ta' din ilj-proċedura tikkostitwixxi tifħir aqwa minn kull 'self praise' da parti tiegħu.*

*14. Issa jekk valur ta' €125,000 jiġi diviż b'ħames snin u erba' xhur – ċjoè elf u mitejn jum – jiġi li l-esponenti jkun tħallas medja ta' mija u erbat euro (€104) għal kull ġurnata, ġurnata li fiha huwa jew xi membru tal-familja tiegħu kienu jkunu marbuta għal erbgħa u għoxrin siegħa. Dan ifisser li l-kumpens li huwa jirċievi għal kull siegħa huwa ta' appena erbat euro u sitta u għoxrin (€4.26) inkluż l-ispejjeż li huwa jkun inkorra. Ikkunsidrat ukoll il-fatt li l-prestazzjoni ta' serviġi kuri u assistenzi tinkludi fiha wkoll element aleatorju, ta' riskju, u ta' imprevedibbiltà kemm rigward il-gravità tal-għajnuna li tkun meħtieġa, kif ukoll rigward it-tul tal-perijodu li matulu l-persuna li tippresta dawk is-serviġi ser tibqa' obbligata li tippresta dawn is-serviġi, dan ifisser li l-ammont ta' kumpens kien wieħed li jaqa' fil-parametri ta' dak li huwa raġonevoli u aċċettabbli.*

*15. Konsegwentement, dejjem fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, il-valur tad-dar għandu jiġi eskluż mill-komputazzjoni għall-finijiet tal-eżerċizzju tal-fissazzjoni fittizja tal-assi ereditarji ta' Rita Camilleri, billi jirrappreżenta valur ugwali ta' dejn tal-eredità fil-konfront tal-esponenti.'*

Illi ai termini tal-Kodici Civili s-servigi huma kkunsidrati bhala tip ta' kwazi-kuntratt. L-artikolu 1012 tal-Kodici Civili jiddefenixxi l-kwazi-kuntratt bhala:

*"fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin."*

Abbazi tal-principju delineat f'dan l-artikolu persuna li tippresta servigi tesigi d-dritt li tigi kumpensata u dan ghar-raguni li hija tkun qed tarreka vantagg lill-persuna li tkun qeghda tircievi tali servigi. Tul is-snin izda l-Qrati taghna varjaw il-mod kif iharsu lejn is-servigi u l-hlas taghhom.

Fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppina Deidun et vs. Emila Poggi et** deciza il-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Ottubru, 1954 inghad kif isegwi:

*'Il-kumpens ghal servigi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tal-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwita' u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabilii l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita', sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens. Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.'*

F'dan il-kaz kien gie ritenuti illi meta gew rezi s-servigi ma kienx hemm hsieb ta' hlas ghalihom u ghalhekk il-Qorti rrigettat it-talba ghal dak il-hlas'

Fil-kawza fl-ismijiet **Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 15 ta' Frar, 1958 inghad kif isegwi:

*'Azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghal servigi rezi, skond il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil hadd iehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokke' ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sew pietatis causa"; f liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilita', kemm mill-punto di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta'*

*hlas ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista' tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persunali tigi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti.'*

Illi dwar il-kwantifikazzjoni tas-servigi johrog minn bosta gurisprudenza li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni l-punti segwenti:

(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna;
(ii) il-frekwenza tas-servigi moghtija;
(iii) in-natura tas-servigi maghmula;
(iv) il-kedda u t-tbatija involuti biex jinghataw is-servigi li dwarhom jintalab kumpens;
(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni mehtiega biex jinghataw tali servigi;
(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna tkunx ukoll dahlet fi spejjez jew infieq minn butha;
(vii) il-mezzi tal-persuna li bbenefikat mill-prestazzjonijiet;

Ara per ezempju d-decizjoni fl-ismijiet **Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et** deciza fit-28 ta' April 2011. Fl-istess sentenza l-Prim Awla tal-Qorti Civili ddikjarat kif isegwi:

*"Minn ezami tal-gurisprudenza jirrizulta li fil-maggoranza tas-sentenzi l-kumpens qatt ma jkun f'ammonti kbar u dan peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta' parentela (vide sentenza **Anthony Catania vs Maria Agius** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-11ta' Dicembru 2003(Citaz 1381/1993). Fis-sentenza **Delicata vs Saliba** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1989, il-Qorti irriteniet illi s-servigi huma bazati fuq kwazi-kuntratt u mhux fuq kuntratt u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandom jittiehdu inkonsiderazzjoni diversi fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika. Dan iwassal biex il-kumpens qatt ma jkun ekwivalenti tax-xoghol li sar."*

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius** deciza fil-11 ta' Dicembru 2003 irriteniet kif isegwi:

*'Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "Zammit et vs Farrugia Sacco noe" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982. Hekk ukoll, fil-kawza "Buhagiar noe vs Mifsud noe", deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar, 1983, ghaz-zmien meta s-servigi kien ta' natura ordinarja u l-attrici kienet tmur tlett darbiet fil-gimgha ghand id-decuius u taghmilha l-facendi kollha tad-dar, il-kumpens moghti kien ta' LM 1 fil-gimgha, fil-waqt li ghas-snin ta' wara, meta d-decuius kienet ta' sikwit timrad u kienet tmur tghix ghand l-attrici peress li kellha bzonn attenzjoni kontinwa u kostanti, il-kumpens moghti kien ta' Lm 3 fil-gimgha.'*

Jirrizulta fil-fatt li f'sentenza aktar recenti fl-ismijiet **Francis Mizzi et vs Roseann Galea et**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta' Mejju, 2016 il-Qorti tal-Appell wara li kkunsidrat li kienu verament gew prestati servigi estenzivi minn zewg persuni

b'mod kontinwu lill-persuna li kienet ma tistax tohrog mis-sodda dik il-Qorti is-somma ta' €70 kull persuna ghal kull gimgha lill-persuni nvoluti.

Illi applikati l-prinicpji hawn fuq enuncjati ghall-kaz *de quo* jirrizulta lil din il-Qorti li in vista tal-parentela stretta ta' Alfred Camilleri mad-decuius, li jigi iben it-testatrici, l-ammont ta' servigi pretizi ghas-somma kalkolata minnu stess fis-sottomissjonijiet tieghu ammontanti ghal €104 kuljum hija verament esagerata. Din il-Qorti tqis li ghalkemm gie ampjament pruvat lil Alfred Camilleri, martu u bintu prestaw diversi servigi lil Rita Camilleri u dan b'mod konsistenti, erbgha u ghoxrin siegha kuljum ghal diversi snin, is-somma ta' €104 kuljum meta wiehed jikkonsidra l-insenjament hawn fuq ikkwotati tistona hafna mal-ammonti dikjarati f'diversi sentenzi ohra tal-Qrati anki ghaliex hija ferm oghla sahansitra minn paga normali kieku dovuta lill-persuna assunta sabiex tiehu hsieb lid-decujus. Wiehed irid jikkunsidra l-fatt gia msemmi li Alfred Camilleri kien wild l-istess Rita Camilleri u li meta hi marret toqghod mieghu huwa gia kien pensjonant w'ghalhekk ma tilef l-ebda remunerazzjoni ta' xoghol minhabba l-kuri li kienu qed jinghataw lill-istess Rita Camilleri filwaqt li mill-provi hareg pruvat li l-flus kollha derivanti mill-pensjoni ta' Rita Camilleri kienu jghaddu u jigu amministrati minn Alfred Camilleri b'dana li l-ispejjez ma kienu johrogu mill-flus tal-istess Rita Camilleri. Dan qed jinghad minghajr ma wiehed bl-ebda mod inaqqas il-hin twil u t-tbatija li ghaddew minnha Alfred Camilleri u l-familja tieghu sabiex hadu hsieb ta' Rita Camilleri sa l-ahhar nifs ta' hajjitha b'dana izda li l-pretensjoni ta' €104 ghal kuljum hija esagerata anki meta wiehed jikkunsidra li skont il-gurisprudenza anki €70 fil-gimgha ghal kull persuna kienet ikkunsidrata bhala wahda idonea f'cirkustanzi simili.

Illi fic-cirkustanzi odjerni l-Qorti tqis li l-valur tas-servigi rezi minn Alfred Camilleri lil Rita Camilleri tul hajjitha m'ghandux jigi stmat aktar minn nofs il-valur tal-proprjeta' 48, Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex u cioe' s-somma ta' €62,500 b'dana li n-nofs l-iehor ghandu jizdied mal-eredita' ai fini tal-kalkolu tas-sehem riservat pretiz mill-partijiet l-ohra.

**Assi ereditarji tad-decujus Rita Camilleri:**

Illi ghalhekk fl-ewwel lok jigi dikjarat illi l-assi ereditarji ta' Rita Camilleri eskluz is-servigi dovuti kienu jikkonsistu kif isegwi:

a. Il-fond 48, Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex stmat allura ghas-somma ta' €62,500;
b. Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 355m.k. stmat €1,250 mill-perit tekniku.
c. Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 618m.k., stmat €2,500 mill-perit tekniku.
d. Nofs indiviz minn porzjon raba "Tad-Dabrani" ta' madwar 877m.k. stmat €4,000 mill-perit tekniku.
e. Dwar il-valur tan-Nominal accounts fir-Repubbllika tal-Argentina ma tressqet l-ebda prova w'allura din il-Qorti ma ghandhiex triq ohra ghajr li ma tohodhomm in konsiderazzjoni.

f. Il-debitu ta' Alfred Camilleri a favur tal-eredita ta' Rita Camilleri konsistenti allura fi kreditu tal-eredita' ta' Lm 5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87.

Illi in vista tas-seuspost is-sehem riservat kemm ta' Joseph Camilleri u Mary Xiberras fil-kawza 84/2014 u tal-atturi Azzopardi fil-kawza 16/2015 ghandu jigi kkalkolat fuq il-valuri segwenti beni:

a. Nofs il-valur tal-proprjeta' 48, Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex stmat allura ghas-somma ta' €62,500 (wara li gie eskluz il-valur tas-servigi);
b. Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 355m.k. stmat stmat €1,250 mill-perit tekniku.
c. Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 618m.k., stmat €2,500 mill-perit tekniku.
d. Nofs indiviz minn porzjon raba "Tad-Dabrani" ta' madwar 877m.k. stmat €4,000 mill-perit tekniku.
g. e. Il-debitu ta' Alfred Camilleri a favur tal-eredita' ta' Rita Camilleri konsistenti allura fi kreditu tal-eredita' ta' Lm 5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87.

Il-porzjon riservata li ghaliha huma ntitolati l-atturi fil-kawza 84/2014 Joseph Camilleri u Mary Xiberras hija ta' dodicisima (1/12) kull wiehed b'dana li allura tekwivali ghal (€81,896.87 x 1/12) €6,824.74 kull wiehed.

Illi fil-kaz tal-atturi Azzopardi fl-atti tal-kawza 16/2015 is-sehem wiehed ta' ta' 1/12 ammontanti ghal €6,824.74 ghandu jinqasam bejniethom (fl-ishma ta' 1/8 favur Carmelo Azzopardi, 1/24 Alvin Azzopardi, 1/24 Stephen Azzopardi u 1/24 lil Josef Azzopardi ai termini tal-arblu u ishma indikati a fol. 47 tal-process 84/2014).

Illi dwar il-hdax u t-tnax-il talba fil-kawza odjerna din il-Qorti tikkonkorri ma' dak sottomess minn Alfred Camilleri fin-nota tieghu kif isegwi:

*'Mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jissottometti bir-riseptt li peress li s-sehem riżervat huwa llum kreditu kontra l-wirt, l-aħħar talba tal-attriċi hija mproponibbli u inammissibbli: bħala kredituri, Joseph Camilleri u oħtu għandhom biss dritt li jiġi kanonizzat il-kreditu tagħhom u mhux li jitolbu li l-assi tal-esponenti jinbiegħu in liċitazzjoni. Jekk, imbagħad, l-esponenti jonqos li jħallas kwalsiasi ammont talvolta likwidat favur l-atturi fit-terminu lilu prefiss, bħal kull kreditur kanonizzat ieħor, l-atturi jistgħu jeżegwixxu d-dritt tagħhom permezz tal-mandati eżekuttivi pprovduti appositament mil-leġiżlatur.'*

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant din il-Qorti in vista ta' dak kollu suespost, tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad biss l-eccezzjonijiet tal-konvenuti sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici limitatament kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn Joseph u Rita konjugi Camilleri, billi tiddikjara li kienet tikkonsisti kif isegwi:

a) Ma tressqet l-ebda prova ta' beni mobbli wisq anqas tal-konsistenza taghhom inkluz investimenti msemmija fl-atti;
b) Fir-rigward ta' beni mmobbli appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti dawn irrizultaw li kienu jikkonsistu kif isegwi:

(i) Porzjon art "Ta' Barda" ta' madwar 613m.k. stmata €5,000 mill-perit tekniku.

(ii) Porzjon art "Ta' Dabrani" ta' madwar 750m.k stmata €8,000 mill-perit tekniku.

2) Tilqa' t-tieni talba u taqsam il-komunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali b'dana li nofs indiviz mill-Porzjon art 'Ta' Barda' (par (i) suespost) u nofs indiviz mill-porzjon art 'Ta Dabrani' (par (ii) suespost) qed jigu assenjati lill-assi ta' Joseph Camilleri filwaqt li nofs l-ohra ndiviza tal-istess porzjonijiet art qed jigu assenjati lill-assi ta' Rita Camilleri;

3) Tilqa' t-tielet talba attrici u tillikwida l-assi ta' Joseph Camilleri billi tiddikjara li l-assi partikolari ta' Joseph Camilleri jikkonsistu fis-segwenti:

(i) Nofs indiviz mill-Porzjon art "Ta' Barda" ta' madwar 613m.k. liema nofs indiviz gie stmat €2,500 mill-perit tekniku.

(ii) Nofs indiviz mill-Porzjon art "Ta' Dabrani" ta' madwar 750m.k stmat €4,000 mill-perit tekniku.

(iii) Porzjon art "Ta' Għajn Barrani" ta' madwar 5620m.k. deskritta fil-paragrafu 3 tan-nota a fol. 45. Il-konvenut Alfred Camilleri jsostn li l-intier ta' din il-proprjetà ghandu valur ta' €35,000.

(4) Tilqa' r-raba' talba attrici u tillikwida l-assi partikolari ta' Rita Camilleri billi tiddikjara li l-assi partikolari ta' Rita Camilleri jikkonsistu fis-segwenti:

(i) Il-fond 48, Triq Jannar, Xaghra, Ghawdex stmat allura ghas-somma ta' €125,000;
(ii) Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 355m.k. stmat €1,250 mill-perit tekniku.
(iii) Nofs indiviz minn porzjon raba "Ta' Barda" ta' madwar 618m.k., stmat €2,500 mill-perit tekniku.
(iv) Nofs indiviz minn porzjon raba "Tad-Dabrani" ta' madwar 877m.k. stmat €4,000 mill-perit tekniku.

(v) Il-debitu ta' Alfred Camilleri a favur tal-eredita ta' Rita Camilleri konsistenti allura fi kreditu tal-eredita' ghas-somma ta' Lm 5,000 ekwivalenti ghal €11,646.87.

(5) Ai fini tal-hames talba tiddikjara li l-assi konsistenti fil-wirt ta' Joseph Camilleri mhumiex kommodament divizibbli w'ghaldaqstant tghaddi sabiex tichad is-sitta u s-seba talbiet attrici;

(6) Tilqa' t-tmien talba attrici u tordna l-bejgh bis-subbasta tal-assi dikjarati ta' Joseph Camilleri fil-paragrafu (3) suespost f'din id-decide bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei sabiex ir-rikavat jigi ripartit bejn il-kontendenti fil-kwoti lilhom spettanti ai termini tal-ishma dikjarati fid-dokument esebit a fol. 47 tal-process 84/2014 kopja tieghu annessa dokument A;

(7) Tilqa' d-disa' talba attrici u tilliwkida s-sehem riservat spettanti lill-atturi Joseph Camilleri u Mary Xiberras fl-ammont ta' €6,824.74 kull wiehed;

(8) Tilqa' l-ghaxar talba attrici u tordna lill-konvenut Alfred Camilleri jhallas lill-atturi is-sehem riservat ta' €6,824.74 kull wiehed lil Joseph Camilleri u Mary Xiberras;

(9) Ghar-ragunijiet suesposti tichad il-hdax u t-tnax-il talbiet attrici.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopporati fir-rigward tat-talbiet kollha relatati mal-eredita' tal-missier Joseph Camilleri skond l-ishma rispettivi fl-istess eredita, fir-rigward tat-talbiet kollha relatati mal-hlas tal-porzjon riservat dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Alfred Camilleri.'

Fl-ewwel lok il-Qorti taghmel taghha fl-atti odjerni l-konsiderazzjonijiet kollha fil-kawza 84/2014 b'dana li d-decizjoni kollha kif kwotata ghandha tifforma parti ntegrali minn din id-decizjoni;

Rat illi konsegwenti ghad-decizjoni fl-atti tal-kawza 84/2014 l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) talbiet attrici kollha gew decizi f'dik il-kawza w'ghalhekk fl-ispirtu anki ta' dak iddikjarat mill-partijiet fil-verbal tal-kawza odjerna datat 22 ta' Settembru, 2015 din il-Qorti ser tiddikjara dawn it-talbiet fl-atti odjerni bhala sorvolati. Fic-cirkustanzi u wkoll in vista tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-kawza odjerna u r-riserva taghhom ghall-ispejjez nonostante li gew irtirati whud mill-eccezzjonijiet l-Qorti tqis li t-talbiet hawn fuq imsemmija ma ghandhomx jigu ntaxxati mir-Registratur tal-Qorti u ghandhom jitqiesu daqs li kieku ma sarux f'dawn il-proceduri;

Illi għalkemm fil-kawża 84/2014 ma kienx hemm talba specifika bħall-ħames (5) talba odjerna sabiex il-Qorti tikkonsidra dawk id-donazzjonijiet u legati kollha mogħtija jew imħollija mill-imsemmija Rita Camilleri sabiex fuqhom ikun jista' jinħadem is-sehem riservat, dan l-eżerċizzju xorta waħda sar fl-atti tal-kawża 84/2014 sabiex il-Qorti setgħet tasal għall-kalkolu tas-sehem riservat mitlub f'dik il-kawża minn Joseph Camilleri u Mary Xiberras liema sehem riservat huwa identiku għal dak dovut lill-atturi odjerni bl-uniku differenza li lill-atturi odjerni huwa dovut sehem riservat wieħed bejniethom. Jirriżulta allura li anki l-ħames (5) talba attrici ġiet deċiża u llum hija sorvolata permezz tad-deċiżjoni 84/2014;

Illi l-valur ta' sehem riservat fuq il-wirt ta' Rita Camilleri kif kalkolat u deċiż fl-atti tad-deċiżjoni 84/2014 huwa kif isegwi:

'Il-porzjon riservata li għaliha huma ntitolati l-atturi fil-kawża 84/2014 Joseph Camilleri u Mary Xiberras hija ta' dodiċesima (1/12) kull wieħed b'dana li allura tekwivali għal (€81,896.87 x 1/12) €6,824.74 kull wieħed.

Illi fil-każ tal-atturi Azzopardi fl-atti tal-kawża 16/2015 is-sehem wieħed ta' 1/12 ammontanti għal €6,824.74 għandu jinqasam bejniethom (fl-ishma ta' 1/8 favur Carmelo Azzopardi, 1/24 Alvin Azzopardi, 1/24 Stephen Azzopardi u 1/24 lil Josef Azzopardi ai termini tal-arblu u ishma indikati a fol. 47 tal-process 84/2014).'

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta w'tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet li għadhom viġenti da parti tal-konvenuti biss sakemm dawn huma nkonsistenti ma' dak hawn fuq deċiż;

2. Tiddikjara illi l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames, is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) talbiet attrici gew kollha sorvolati permezz tad-decizjoni datata llum fl-atti tal-kawza 84/2014;

3. Tilqa' l-ghaxar talba tal-atturi u t-tillikwida s-sehem riservat spettanti lill-atturi skont il-ligi fuq il-gid ta' Rita Camilleri ghas-somma ta' €6,824.74 dovuta lilhom fl-ishma ta' 1/8 favur Carmelo Azzopardi, 1/24 a favur Alvin Azzopardi, 1/24 a favur Stephen Azzopardi u 1/24 a favur Josef Azzopardi (ai termini tal-arblu u ishma ndikati a fol. 47 tal-process 84/2014)'.

4. Tilqa' l-hdax-il talba tal-atturi u tordna lill-konvenut Alfred Camilleri jhallas lill-atturi is-sehem riservat likwidat fis-somma ta' €6,824.74 dovuta lilhom fl-ishma ta' 1/8 favur Carmelo Azzopardi, 1/24 a favur Alvin Azzopardi, 1/24 a favur Stephen Azzopardi u 1/24 a favur Josef Azzopardi;

5. Ghar-ragunijiet moghtija fid-decizjoni 84/2014 hawn ikkwotata tichad it-tnax-il talba attrici.

Ai fini ta' taxxa u spejjez gudizzarji relatati ma' din il-kawza l-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex ma jintaxxax l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8) u d-disa' (9) talbiet attrici stante li dawn ghandhom jitqiesu daqs li kieku ma sarux tant li ma gewx decizi mill-Qorti f'din il-kawza.

Fil-bqija l-ispejjez kollha relatati mal-kawza u mal-eccezzjonijiet li baqghu vigenti ghandhom jigu supportati lkoll mill-konvenut Alfred Camilleri.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur